MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Diċembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 86/2022 LM

**Precious Uchechukwku Ikwudrim**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency** [hawnhekk 'l- appellanta'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord',] tal-20 ta' Ġunju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li permezz tagħha l-Bord iddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrenti **Precious Uchechukwku Ikwudrim**, li jirrevoka d-deċiżjoni

tal-intimata tas-26 ta’ Jannar, 2022, u dderieġa lill-intimata sabiex tirrevedi d-deċiżjoni wara li tikkunsidra dak li ddeċieda l-Bord fid-deċiżjoni tiegħu u tagħti attenzjoni lid-dimensjoni umana ta' kull każ.

**Fatti**

2. Jirriżulta li r-rikorrenti kienet tinsab f’Malta abbażi ta’ Permess Uniku sabiex taħdem mal-kumpannija APCO Systems Limited, liema permess kien validu għall-perijodu bejn it-12 ta’ Ottubru, 2020 u t-28 ta’ Ottubru, 2021. Jirriżulta wkoll li l-impjieg tar-rikorrenti mal-imsemmija soċjetà ġie tterminat fis-16 ta’ Marzu, 2021, u għalhekk il-Permess li bis-saħħa tiegħu r-rikorrenti kienet f’Malta ma baqax validu. Minkejja dan, ir-rikorrenti baqgħet f’Malta, u fit-23 ta’ Lulju, 2021 intavolat applikazzjoni oħra għal Permess Uniku sabiex tibda taħdem ma’ kumpannija oħra RS2 Software plc. Identity Malta Agency għamlet il-verifiki tagħha, u stabbiliet li fil-mument li r-rikorrenti intavolat din l-aħħar applikazzjoni tagħha, hija kienet tinsab f’Malta illegalment, u dan għaliex meta intavolat din l-applikazzjoni, l-impjieg tagħha kien ilu madwar erba’ xhur li ġie tterminat. Kien għalhekk li l-applikazzjoni tar-rikorrenti ġiet miċħuda.

**Mertu**

3. Permezz ta’ ittra mibgħuta lir-rikorrenti fis-26 ta’ Jannar, 2022, din ġiet mgħarrfa li ladarba fil-mument li fih hija ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha, hija ma kinitx qegħda tirrisjedi f’Malta legalment, il-pożizzjoni tagħha ma

setgħetx tiġi regolarizzata. Ir-rikorrenti ġiet mgħarrfa wkoll li hija kellha tħalli ż-Żona Schengen b'effett immedjat.

4. Ir-rikorrenti appellat minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors intavolat quddiem il-Bord, fejn spjegat li hija kienet ilha tgħix legalment f'Malta b'permess ta' residenza validu għal tliet snin. Qalet li sas-16 ta' Marzu, 2021 hija kellha Permess Uniku, sakemm l-impjieg tagħha ma' APCO Systems Limited bħala *Technical Support Specialist* ġie tterminat waqt il-perijodu tal-*probation* tagħha u dan minħabba li faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19. Ir-rikorrenti spjegat li dak iż-żmien kien ferm diffiċli għaliha li ssib impjieg alternattiv, u minħabba fir-restrizzjonijiet fl-ivvjaġġar kien diffiċli għaliha wkoll li tirritorna lura lejn pajjiżha, in-Niġerja. Ir-rikorrenti qalet li ftit taż-żmien wara, hija rnexxielha ssib impjieg bħala *Customer Service Officer* ma' RS2 Software plc, u fit-23 ta' Lulju, 2021, il-prinċipal prospettiv ġdid tar-rikorrenti ssottometta applikazzjoni ma' Identity Malta f'isem ir-rikorrenti għal bidla fl-*employer,* liema applikazzjoni ġiet miċħuda permezz tal-ittra tas-26 ta' Jannar, 2022. Ir-rikorrenti qalet li l-intimata mhijiex korretta meta tgħid li għal xi żmien ir-rikorrenti kienet qegħda Malta illegalment, u dan għaliex kemm ilha tgħix hawn Malta hija dejjem fittxet li tkun impjegata, anki jekk dan ma kienx faċli waqt il-pandemija tal-COVID-19. Qalet ukoll li għandu jirriżulta li l-impjieg tagħha ma' APCO Systems Limited ġie tterminat waqt il-perijodu tal-*probation,* u hija għamlet dak kollu li setgħet sabiex issib impjieg ieħor, u f'dan ir-rigward ġiet sottomessa applikazzjoni f'isem ir-rikorrenti fit-23 ta' Lulju, 2021. Ir-rikorrenti qalet li bejn il-ġurnata li fiha intavolat l-applikazzjoni tagħha, u dakinhar li hija rċeviet l-ittra ta' rifjut minn Identity Malta, jiġifieri bejn it-23 ta' Lulju, 2021 u s-26 ta' Jannar, 2022, hija kienet tmur l-uffiċini ta' Identity Malta regolarment sabiex tara l-

applikazzjoni tagħha fhiex kienet waslet, u hija qatt ma ġiet infurmata li r-residenza tagħha f'Malta kienet qegħda titqies bħala illegali. Ir-rikorrenti qalet li kien biss fl-4 ta' Novembru, 2021 li l-prinċipal prospettiv tagħha, RS2 Software plc, kien infurmat minn Identity Malta li kienet meħtieġa l-awtorizzazzjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex l-applikazzjoni tkun tista' tiġi pproċessata għaliex kienu għaddew aktar minn għaxart ijiem minn meta l-ewwel impjieg tar-rikorrenti ġie tterminat, sa dakinhar li hija ssottomettiet l-applikazzjoni għall-impjieg ġdid tagħha. Ir-rikorrenti qalet li meta hija ġiet infurmata b'dan, hija talbet lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jirregolarizza l-pożizzjoni tagħha f'Malta għal ftit jiem, sabiex Identity Malta Agency tkun tista' tkompli tipproċessa l-applikazzjoni tagħha. Ir-rikorrenti qalet li talbiet bħal dawn minn persuni f'sitwazzjoni simili għal tagħha, u li saru lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni fi żmien riċenti ġew milqugħa, u dawn l-applikanti ngħataw perijodu ta' għaxart ijiem sabiex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom mill-ġdid. Qalet iżda li dan ma ġarax fil-każ tagħha, u fis-26 ta' Jannar, 2022, hija rċeviet l-ittra ta' rifjut fejn ġiet infurmata li hija ma kinitx meqjusa li qegħda Malta legalment, u għalhekk hija kellha tagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex tħalli ż-Żona Schengen minnufih.

5. Fl-appell tagħha quddiem il-Bord, ir-rikorrenti qalet li hija taf li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għandu diskrezzjoni assoluta meta jiġi biex jirregolarizza l-pożizzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li r-residenza tagħhom f'Malta ssir waħda irregolari. Qalet din id-diskrezzjoni m'għandhiex tiġi eżerċitata b'mod diskriminatorju, u persuni f'sitwazzjoni simili għal tagħha ngħataw trattament differenti u ngħataw din il-konċessjoni, filwaqt li t-talba tagħha ġiet miċħuda. Ir-rikorrenti qalet li tul iż-żmien kollu li hija ilha tgħix u

taħdem f'Malta, hija ġabet ruħha tajjeb u hija persuna ta' kondotta tajba. Ir-rikorrenti ssottomettiet ukoll dikjarazzjoni mill-prinċipal prospettiv tagħha fejn ġie ddikjarat li l-kumpannija qegħda ssib problema tingaġġa persuni Maltin, u li r-rikorrenti hija persuna idonea biex timla l-*vacancy* li għandha l-kumpannija. Intqal ukoll li l-kumpannija hija disposta timpjega lir-rikorrenti f'każ li din tikseb il-Permess Uniku.

6. Fir-risposta tagħha, l-intimata wieġbet li hija ma tistax tifhem kif tista' twieġeb għar-rikors tal-appell tar-rikorrenti, ladarba din naqset milli tniżżel l-aggravji li fuqhom ibbażat l-appell tagħha. L-intimata qalet li filwaqt li r-rikorrenti ressqet l-appell tagħha quddiem il-Bord fis-27 ta' Jannar, 2022, sat-8 ta' Marzu, 2022 hija m'għamlet l-ebda sottomissjonijiet quddiem il-Bord, tant hu hekk li l-intimata kellha tistaqsi lis-Segretarja tal-Bord jekk sarux sottomissjonijiet ulterjuri fir-rigward tal-appell intavolat mir-rikorrenti. L-intimata spjegat li fis-26 ta' Jannar, 2022, hija bagħtet ittra ta' rifjut lir-rikorrenti, fejn infurmatha li l-applikazzjoni tagħha kienet qegħda tiġi rrifjutata għaliex hija ma kinitx qegħda Malta legalment. L-intimata spjegat li r-rikorrenti ngħatat Permess Uniku abbażi tal-impjieg tagħha ma' APCO Systems Limited, u meta l-impjieg tagħha ġie tterminat, l-għan li għalih ingħata l-permess ma baqax jeżisti, u għalhekk dan il-permess ġie irtirat. L-intimata spjegat li r-rikorrenti ssottomettiet applikazzjoni oħra fit-23 ta' Lulju, 2021 taħt il-proċedura kkontemplata fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u għalhekk din l-applikazzjoni saret wara li għaddew erba' xhur mill-aħħar ġurnata li fiha r-rikorrenti kienet fl-impjieg. L-intimata spjegat li r-rikorrenti ngħatat perijodu ulterjuri ta' għaxart ijiem fuq l-erba' xhur ikkontemplati fil-liġi sabiex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha billi ssib impjieg alternattiv u tissottometti applikazzjoni ġdida, u dan l-

arranġament ġie mgħarraf lill-pubbliku anki permezz ta' avviż fuq il-website tal-intimata. Qalet li r-rikorrenti xorta waħda naqset milli tissottometti applikazzjoni ġdida jew applikazzjoni ta' *change of employer* f'dan il-perijodu ta' żmien addizzjonali, u għalhekk hija ma kinitx għadha meqjusa li qegħda f'Malta b'mod legali. L-intimata qalet li minflok irrifjutat l-applikazzjoni tar-rikorrenti wara li nstab li hija kienet qegħda tikser l-artikolu 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, l-intimata rreferiet il-każ lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, li għamel il-verifiki tiegħu, u ħa deċiżjoni abbażi tal-fatti tal-każ. L-intimata qalet li wara li saru dawn il-verifiki, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni baqa' ma rregolarizzax il-pożizzjoni tar-rikorrenti.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

7. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-20 ta' Ġunju, 2022, il-Bord laqa' l-appell tar-rikorrenti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***1. <u>Preliminary</u>***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision issued by Identity Malta Agency on 26th January, 2022, the appellant was informed that the relative application for a Single Permit had been rejected as the appellant was not in conformity with the dictates of Regulation 8 of S.L. 217.17;*

*Saw the appeal registered on 27th January, 2022; and*

*Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 16th March, 2022.*

***2. <u>Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board</u>***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst*

*the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*In the first paragraph of its reply, the Agency claimed that the appellant's appeal was null as no actual submissions were filed. However, this is not correct. The appellant did, in fact, file submissions through legal counsel.*

*It is possible, of course, that due to some minor administrative error, the Board's secretariat mistakenly forgot to send the appellant's submissions to Identity Malta Agency. However, that does not render the appeal null. When dealing with courts and tribunals, it is well known among lawyers that it is unwise to rely solely on e-mails and electronic records. Rather, files must be physically checked. It was rather easy for the Agency's lawyers to check the file, as when the Board holds sittings at least once a week, at least one of the lawyers is always present.*

*Consequently, the appellant's appeal is not null.*

*The Agency stated that the appellant's employment with APCO Systems Limited ended on 16th March, 2021, as evidenced by a screenshot of the appellant's Jobsplus employment history sheet. The end of this employment meant that the Single Permit which had been issued was rendered invalid as the appellant's employment, which was the permit's sole raison d'être, ceased to exist. The Agency then stated that a fresh Single Permit application was then lodged on 23rd July, 2021, which was more than four months after the appellant's last day of employment.*

*The appellant's appeal does not contest the Agency's exposition of the facts. Rather, the appellant stated that at the time his employment with APCO Systems Limited, "*it was very difficult to find a job and it was impossible for the appellant to return to her home country (Nigeria) due to COVID-19 travel restrictions."

*The Board considers that claims such as "*it was very difficult to find a job" *are rather hard to prove. What evidence is the appellant supposed to bring forward to prove that he tried his hardest to find a job following termination of previous employment?*

*The Board also considers that the appellant was correct to state that pandemic-related travel restrictions made it impossible, or perhaps extremely difficult, for her to return to Nigeria.*

*In such circumstances, the Board is not of the opinion that the appellant's application should be barred.*

***3. <u>Decision</u>***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta, of S.L. 217.17, the Board revokes the Agency's decision and accepts the appellant's appeal. Consequently, the Board directs Identity Malta Agency to review its decision in view of what has been stated hereinabove as well as in view of the need to pay attention to the human dimension of each case, as stated in **<u>Navjot Singh vs. L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni</u>** (decided by the Court of Appeal).*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## <u>L-Appell</u>

8. L-appellanta ressqet l-appell tagħha mid-deċiżjoni tal-Bord fit-30 ta' Ġunju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata tal-20 ta' Ġunju, 2022 fl-ismijiet premessi, u tikkonferma d-deċiżjoni tal-appellanta tas-26 ta' Jannar, 2022.

9. L-appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata għaliex il-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi, u senjatament tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 u tad-data tal-applikazzjoni. L-appellanta spjegat li hija ma setgħetx tilqa' l-applikazzjoni tal-appellata *ai termini* tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, liema leġislazzjoni sussidjarja ttrasponiet id-Direttiva 2011/98/UE dwar proċedura ta' applikazzjoni unika ta' permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru,

liema Direttiva tipprovdi li l-applikant irid ikun qiegħed jirrisjedi legalment fi Stat Membru sabiex jintavola applikazzjoni. L-appellanta qalet li hija m'għandhiex is-setgħa li tirregolarizza l-pożizzjoni irregolari ta' applikanti, u għalhekk ikkomunikat mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u l-każ tal-appellata tressaq quddiemu. Qalet li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma rregolarizzax il-pożizzjoni tal-applikanta. L-appellanta qalet li hija infurmat b'dan lill-Bord, u infurmatu wkoll li din l-informazzjoni tista' tiġi kkonfermata mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, imma l-Bord ma għamilx smigħ *viva voce* u ma tax opportunità lill-appellanta sabiex tressaq tali xhieda.

10. L-appellanta qalet li hija tagħti żmien ta' għaxart ijiem tax-xogħol *ex gratia* mill-aħħar ġurnata tal-impjieg ta' persuna li ġejja minn pajjiż terz sabiex din tkun tista' tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha, wara liema terminu hija ma tkunx tista' tibqa' f'Malta legalment. L-appellanta qalet li dan it-terminu ta' għaxart ijiem mhux mogħti fil-liġi, iżda minkejja dan, l-appellata xorta waħda intavolat l-applikazzjoni tagħha wara erba' xhur mill-aħħar ġurnata tal-impjieg tagħha, u għalhekk kienet taf li l-pożizzjoni tagħha kienet irregolari. L-appellanta għamlet riferiment għad-diffikultajiet li kellu l-Bord fir-rigward tal-istqarrija tal-appellata li hija kellha diffikultajiet sabiex issib impjieg, u qalet li hija m'għandhiex is-setgħa li tirregolarizza l-pożizzjoni illegali tal-applikant. Qalet ukoll li minkejja li hija tagħti każ tal-aspett uman ta' kull applikant, hija marbuta tosserva d-dettami tal-liġi, liema liġi ġiet trasposta mid-Direttiva Ewropea, u li qegħda tipprova tassigura li s-sigurtà pubblika tiġi mħarsa. Qalet li għalhekk għandu jirriżulta li l-applikazzjoni ġiet intavolata minn ċittadin ta' pajjiż terz li jinsab hawn Malta illegalment, u ladarba la l-liġi Maltija u lanqas id-

Direttiva Ewropea 2011/98/EU ma jagħtu eżenzjoni minn din ir-regola, l-appellanta kienet korretta meta m'aċċettatx l-applikazzjoni tal-appellata.

**Ir-Risposta tal-Appell**

11. L-appellata fir-risposta tagħha wieġbet li d-deċiżjoni tal-Bord hija ġusta u timmerita konferma, u l-appell imressaq mill-appellanta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt. L-appellata qalet li l-interpretazzjoni mogħtija mill-appellanta għar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, hija waħda restrittiva għall-aħħar, u żiedet tgħid li l-Bord twaqqaf mil-leġislatur sabiex jinterpreta l-liġi skont il-fatti u mhux biex ikun *rubber stamp* tal-appellanta. Qalet li l-Bord ta motivazzjoni għad-deċiżjoni tiegħu, u jekk wieħed kellu jsostni l-argument tal-appellanta, jkun għalxejn li dawn id-deċiżjonijiet jiġu riveduti mill-Bord. Qalet li l-Bord għandu funzjoni kważi-ġudizzjarja sabiex jistħarreġ deċiżjonijiet amministrattivi li jkunu ttieħdu mill-appellanta, u din tal-aħħar għandha fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha, tirrispetta l-prinċipju amministrattiv tar-raġonevolezza. Qalet li fil-każ odjern dan ma sarx, u huwa għalhekk li l-Bord irrevoka d-deċiżjoni tal-appellanta fil-konfront tagħha. L-appellata żiedet tgħid li f'dan il-kuntest, wieħed għandu jqis dak li huwa raġonevoli u proporzjonat, meta wieħed jiġi biex jiddeċiedi x'inhu dak li għandu jkun segwit minn awtorità pubblika meta din tiġi biex teżerċita d-diskrezzjoni tagħha.

12. L-appellata qalet li l-appellanta naqset milli tapplika d-diskrezzjoni tagħha fil-limiti tar-raġonevolezza u għall-konsiderazzjonijiet li huma rilevanti għall-każ li kellha quddiemha. Qalet ukoll li dan il-prinċipju tad-dritt Brittaniku, llum ġie żviluppat mill-Qrati tagħna fil-prinċipju tal-proporzjonalità, li huwa

assodat fis-sistemi tad-dritt amministrattiv kontinentali u fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Qalet li dan il-prinċipju jiddetta li l-azzjonijiet ta' awtorità pubblika għandhom ikunu adattati għas-sitwazzjonijiet li jittrattaw, u m'għandhomx jikkaġunaw dannu bla bżonn lill-individwu. Qalet li għalhekk meta l-Bord irrevoka d-deċiżjoni tal-appellanta, dan la kiser il-liġi u lanqas mar oltre l-poteri tiegħu, għaliex il-liġi stess tagħti lill-Bord poteri ampji. Żiedet tgħid li m'hemmx dubju li l-Bord għandu japplika l-liġi u r-regolamenti, imma dan ma jfissirx li l-Bord ma jarax il-każ u japplika għalih il-liġi. Qalet li l-Bord spjega sew il-pożizzjoni tagħha, u qies li meta l-impjieg tagħha ma' APCO Systems Limited ġie tterminat fis-16 ta' Marzu, 2021, ir-restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar minħabba l-pandemija għamluha impossibbli għaliha biex tirritorna lura f'pajjiżha. L-appellata qalet li dan l-appellanta ma ħaditux in konsiderazzjoni meta fis-26 ta' Jannar, 2022 iddeċidiet li tirrifjuta l-applikazzjoni l-ġdida tagħha sabiex tibda taħdem mal-kumpannija RS2 Software plc, u din id-deċiżjoni ngħatat sitt xhur wara li l-appellata kienet intavolat l-applikazzjoni tagħha. Żiedet tgħid li l-appellanta lanqas ma ħadet konsiderazzjoni tal-fatt li hija *Technical Support Specialist,* u li biex wieħed jimpjega ruħhu f'dan il-grad, irid jattendi għal tal-anqas żewġ *interviews* u anki jingħata *assignment,* u jkun biss wara li jiġi offrut l-impjieg. Qalet ukoll li l-għaxart ijiem li bdiet tikkonċedi l-appellant sabiex persuna tkun jista' tirregola l-pożizzjoni tagħha, huwa terminu ta' żmien qasir ħafna għaliex l-appellanta taf li f'ċirkostanzi normali, sabiex persuna ssib impjieg ieħor u tiġbor id-dokumenti meħtieġa sabiex tressaq l-applikazzjonijiet meħtieġa għall-bidla fl-impjieg, ikollha bżonn ferm aktar minn għaxart ijiem. Qalet li huwa wkoll irraġonevoli li l-appellanta tippretendi li fiċ-ċirkostanzi li

ġabet magħha l-pandemija, persuna li ġejja minn pajjiż terz sabiex issib xogħol speċjalizzat bħal m'huwa dak tal-appellata, tkun tista' tattendi għall-*interviews* u tissottometti l-applikazzjoni dwar il-bidla fl-impjieg fi żmien għaxart ijiem. L-appellata qalet li l-Bord bid-deċiżjoni tiegħu rrikonoxxa d-diffikultajiet tagħha kemm sabiex issib impjieg fil-grad u skont il-kapaċitajiet tagħha, kif ukoll sabet ruħha fl-impossibilità li tirritorna lura f'pajjiżha fiċ-ċirkostanzi li ġabet magħha l-pandemija. Qalet li f'dan l-istadju jrid jingħad ukoll li meta l-impjieg tagħha ġie tterminat mis-soċjetà APCO Systems Limited, minbarra l-impossibilità li hija tirritorna lura lejn pajjiżha minħabba l-pandemija, l-appellanta kellha tqis ukoll li fil-pajjiż minn fejn toriġina l-appellata kien hemm turbulenzi politiċi kbar, fejn għadd ta' ċittadini ta' dak il-pajjiż kienu qegħdin jinħatfu u jiġu maqtula, u kien hemm riskju li hija tiffaċċja din is-sitwazzjoni f'każ li tirritorna lejn pajjiżha. L-appellata qalet ukoll li n-Niġerja għadha fi stat politiku mwiegħer, anki għaliex fix-xhur li ġejjin ser ikun hemm elezzjoni għal Parlament ġdid. L-appellata qalet li mill-aspett uman, irid jingħad li fit-23 ta' Lulju, 2021 hija ntavolat applikazzjoni għal bidla fl-impjieg sabiex tkun tista' taħdem mas-soċjetà RS2 Software plc, liema applikazzjoni ġiet irrifjutata fis-26 ta' Jannar, 2022, jiġifieri sitt xhur wara. Qalet ukoll li d-dewmien biex hija ngħatat risposta li l-applikazzjoni tagħha kienet qegħda tiġi rifjutata għaliex ġie kkunsidrat li dakinhar li hija ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha, hija kienet Malta illegalment, mhijiex aċċettabbli, speċjalment meta wieħed iqis li waqt li l-appellata kienet qegħda tistenna deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħha, hija ma setgħetx tibda taħdem fl-impjieg il-ġdid tagħha, u xorta waħda kellha tibqa' tħallas il-kera għall-akkomodazzjoni tagħha u kellha spejjeż oħra biex tgħix. Qalet li dan il-fatt imur kontra kull

prinċipju ta' ġustizzja naturali, u ma jistax jitqies għalhekk li l-appellanta mxiet b'mod raġonevoli u proporzjonat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

13. Il-Qorti kkonsidrat iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-appell odjern, fejn l-appellata, ċittadina tan-Niġerja, spiċċat mingħajr impjieg hawn Malta fl-eqqel tal-pandemija tal-COVID-19, u għalhekk il-Permess Uniku li kien inħarġilha u li bis-saħħa tiegħu hija kienet tinsab Malta, ma baqax validu. L-impjieg tal-appellata mal-kumpannija APCO Systems Limited, ġie fi tmiemu fis-16 ta' Marzu, 2021. L-appellata ressqet mill-ġdid applikazzjoni għal Permess Uniku fit-23 ta' Lulju, 2021, in vista ta' offerta ta' impjieg ġdid li saritilha, iżda l-appellanta ħadet il-pożizzjoni li ladarba l-appellata baqgħet f'Malta mingħajr permess wara li r-raġunijiet li abbażi tagħhom inħarġilha il-Permess Uniku ma baqgħux jeżistu, l-applikazzjoni ġdida tal-appellata ma setgħetx tiġi kkonsidrata mill-appellanta.

*L-aggravju tal-appellanta:* *Il-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi, senjatament tal-artikolu 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17*

14. L-appellanta Identity Malta Agency spjegat li hija ħassitha aggravata għaliex il-Bord għamel apprezzament żbaljat ta' dak li jipprovdi r-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, li jgħid li sabiex applikant jintavola applikazzjoni għal Permess Uniku kif ġara fil-każ odjern, dan għandu jkun qiegħed jirrisjedi legalment fl-Istat Membru fejn issir l-applikazzjoni. L-appellanta ħadet il-pożizzjoni li meta l-appellata ppreżentat applikazzjoni għal

Permess Uniku fit-23 ta' Lulju, 2021, din kienet tinsab Malta illegalment, ladarba l-impjieg li kellha kien ilu aktar minn erba' xhur li ġie tterminat, u l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma rregolarizzax il-pożizzjoni tal-appellata. L-appellata ġiet infurmata li hija kienet qegħda f'Malta bi ksur tal-artikolu 5(2)(e) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, u għalhekk hija kellha tħalli Malta minnufih.

15. L-appellata sostniet li fiż-żmien li hija spiċċat mingħajr impjieg, f'Malta kien hawn fis-seħħ restrizzjonijiet internazzjonali tal-ivvjaġġar minħabba l-pandemija tal-COVID-19, u għalhekk ma kienx faċli għaliha, la li ssib impjieg alternattiv, u lanqas li tirritorna lura lejn pajjiżha. Qalet li t-terminu ta' għaxart ijiem li ġiet mogħtija sabiex tkun tista' ssib impjieg alternattiv, ma kienx biżżejjed għaliex l-impjieg li kienet qed tfittex huwa wieħed f'qasam speċjalizzat, li għalih iridu jsiru għadd ta' intervisti, u jridu jiġu evalwati l-abbiltajiet tal-impjegat prospettiv billi dan jintalab jippreżenta *assignment.* L-appellata saħqet ukoll li s-sitwazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħha mhijiex waħda faċli minħabba t-tensjoni politika li hemm fil-pajjiż, u għalhekk hija għandha ċertu biżgħat biex tirritorna lura f'pajjiżha.

16. L-appellanta tisħaq li hija qegħda timxi strettament mad-dispożizzjonijiet tal-liġi, imma l-għaxart ijiem konċessi lil applikanti bħall-appellata, sabiex dawn jirregolarizzaw ruħhom, jingħataw *ex gratia* u mingħajr m'hemm provvediment għalihom fil-liġi. Dan ifisser li dan il-perijodu ta' għaxart ijiem huwa wieħed diskrezzjonali, u fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li diversi applikanti minn pajjiżi terzi sabu ruħhom fihom waqt il-pandemija, il-Qorti tqis illi dan il-perijodu seta' faċilment jiġi estiż b'mod raġonevoli. B'hekk l-applikanti jingħataw l-

opportunità li jsibu saqajhom u jippruvaw isibu impjieg alternattiv f'sitwazzjoni fejn diversi kumpanniji kienu qegħdin jiffaċċjaw inċertezza kbira minħabba l-isfidi li ġabet magħha l-pandemija, u għalhekk kienu qegħdin jieħdu l-ħin tagħhom biex jimpjegaw persuni ġodda magħhom. L-appellanta saħqet li ma kien hemm l-ebda prova li dak li qalet l-appellata huwa minnu, jiġifieri li din għamlet dak kollu li setgħet biex issib impjieg alternattiv, u li dak iż-żmien is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol verament kienet waħda inċerta.

17. Imma l-Qorti in omaġġ għall-prinċipji tar-raġonevolezza u tal-proporzjonalità meħtieġa fid-deċiżjonijiet li jingħataw f'ċirkostanzi bħal dawn, tirrileva li l-esperjenza tal-pandemija mhijiex xi ħaġa li ilha snin twal li għaddiet, u fil-memorja kollettiva għadhom jidwu l-inċertezza li ħakmet lis-settur tax-xogħol, bil-gvernijiet ta' ħafna pajjiżi li kellhom jintervjenu u jħallsu s-supplimenti tal-pagi lil persuni li tilfu l-impjieg, u b'restrizzjonijiet kbar fl-ivvjaġġar internazzjonali. Il-Qorti ma taqbilx li l-appellata naqset milli tipprova li kien diffiċli għaliha li ssib impjieg alternattiv fis-settur li eventwalment sabet impjieg fih, jew li naqset milli tipprova li kien diffiċli ferm għaliha li tirritorna fil-pajjiż tal-oriġini tagħha. Il-Qorti tfakkar li kien hawn pajjiżi li għalqu l-ajruporti tagħhom u l-fruntieri tagħhom għal xhur sħaħ, u mhuwiex raġonevoli li fi żmien ta' inċertezza bħal dak li għaddiet minnu d-dinja kollha, l-appellata tiġi mġegħlha tirritorna lura lejn pajjiżha, u minn hemm tfittex impjieg alternattiv fil-qasam speċjalizzat tagħha, qabel terġa' tirritorna lura Malta. Ir-raġonevolezza f'dawn iċ-ċirkostanzi titlob, partikolarment bil-konferma tal-prinċipal prospettiv tal-appellata li huwa ferm diffiċli li jinstabu ħaddiema lokali fil-qasam li ser tiġi impjegata fih l-appellata, li din tingħata permess temporanju titħalla f'pajjiżna għall-perijodu raġonevolment meħtieġ sabiex ssib impjieg

alternattiv. Evidentement l-appellata ma kinitx ser issib impjieg alternattiv fi żmien għaxart ijiem, għaliex huwa fatt magħruf li oqsma speċjalizzati tas-suq tax-xogħol jirrikjedu perijodu ta' żmien ferm itwal minn hekk biex jimpjegaw lil xi ħadd ġdid magħhom. Huwa evidenti wkoll li f'dak iż-żmien partikolari li fih l-appellanta ppretendiet li l-appellata kellha tħalli Malta, ma kien xejn faċli għall-appellata li tagħmel dan, għaliex l-esperjenza ta' kull min xtaq iħalli pajjiż u jidħol f'ieħor, kienet ta' ġranet ta' kwarantina f'kull pajjiż minn fejn wieħed kellu jgħaddi, u ajruporti u fruntieri magħluqa, xi drabi bi pre-avviż ta' ftit sigħat.

18. Il-Qorti tqis ukoll li jirriżulta li l-appellata ilha Malta għal aktar minn tliet snin, u għalhekk anki l-aspettattiva li din tirritorna lura lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħha mill-mument li fih hija sabet ruħha mingħajr impjieg hija waħda nieqsa mir-raġonevolezza, għaliex f'dan iż-żmien l-appellata laħqet stabbiliet ruħha hawn Malta, kienet qegħda tgħix u tħallas il-kera b'mod regolari, u fasslet ħajjitha hawn Malta. Li persuna bħall-appellata tingħata perijodu ta' għaxart ijiem biex issib impjieg alternattiv, u jekk tibqa' f'Malta titqies li qegħda tagħmel dan illegalment, huwa għal kollox nieqes mir-raġonevolezza. Għal darb'oħra l-Qorti tfakkar li f'każijiet bħal dawn, fin-nofs hemm ħajjiet in-nies li ħallew pajjiżhom u familthom warajhom biex ifittxu futur aħjar f'pajjiżna, u għalhekk l-element uman għandu jkun suprem f'dawn iċ-ċirkostanzi.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-appellanta, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**